MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 738/2013

**Perit Arkitett Mariello Spiteri**

**Vs**

**Salvu Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Novembru, 2013 fejn l-attur talab illi l-attur gie mitlub jassisti lill-konvenut fl-applikazzjoni mal-Ministeru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali ghal fond mill-Unjoni Ewropea relattiv mal-European Agricultural Fund for Rural Development.

Illi din it-talba saret mill-konvenut innifsu.

Illi ghas-servizzi moghtija minnu, l-attur hareg kont lill-konvenut f'April 2012 ghas-somma ta' elf erba' mija u erbgha u ghoxrin ewro u hamsa u tmenien centezmu (€1,424.85) (Vat Inkluz).

Illi minn jeddu, il-konvenut iddecida illi s-servizzi moghtija mill-attur jammontaw ghal tliet mitt ewro (€300).

Illi l-konvenut gie interpellat ihallas diversi drabi, inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 5 ta' Settembru, 2013 u baqa ma hallasx.

Il-konvenut debitament notifikatipprezenta risposta fejn eccepixxa illi l-konevnut qed jikkontesta il-folla tal-attur fit-totalita' taghha ghaliex infondata fil-fatt u fid-dritt.

Billi l-attur ma igwidahx sew, stante li qabel il-konvenut iffirma l-applikazzjoni ghall-ghajnunha relatata mal-European Agricultural Fund for Rural Development u din giet ipprezentata lill-Awtorita' kompetenti, filwaqt li l-konvenut informa lill-attur il-massimu ta' spejjez li lest jaghmel fil-garaxx relattiv ghall-applikazzjoni prospettiva. L-attur qatt ma nforma lill-konvenut dwar it-threshold ta' spejjez ta' seba' u ghoxron elf ewro (€27,000) li jkun ossia jaghmel il-konvenut biex ikun eligibbli ghall-ghajnuna, liema limitu minimu ta spejjez mehtiega l-konvenut qatt ma kien lest li jonfoq u ghalhekk l-applikazzjoni fuq id-dicizzjoni tal-attur saret inutilment.

Billi l-konvenut sar jaf biss bir-rekuzit ta' dan it-'threshold' ta' sebgha u ghoxrin elf ewro (€27,000) spejjez wara li l-attur hariglu l-kont datat 27 ta' April, 2012 (Dok A Anness).

Billi l-attur ukoll ma ghamilx xoghlu sew stante li qabel ma sarret l-applikazzjoni, ma ivverifikax li l-garaxx tal-konvenut fil-fatt mhux eligibbli ghall-ghajnuna ghax mimbi qabel il-31 ta' Ottubru. 2008 (Vide Dok B anness).

Billi l-proposta tal-konvenut ta' hlas ta' tliet mitt ewro (€300) lill-attur, saret annobilment minghajr pregudizzju (Dok C anness) u ergo' ma tincidix fuq l-opposizzjoni tal-konvenut ghall-hl;as totali pretiz mill-attur ghax-xoghol li ma ghamilx sew.

Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt in subizzjoni

It-Tribunal ra d-dokumenti pprezentati u semgha x-xhieda.

Din il-kawza titratta illi l-konvenut mar ghand il-perit attur peress illi semgha li kien hemm xi grant sabiex jara jekk jaqax tahta u biex japplika. L-attur mela l-formoli u gabar l-informazzjoni li kien hemm bzonn u dahlet l-applikazzjoni. Pero gara illi sabiex il-konvenut ikun legibbli ghal din il-grant ried illi l-garage tieghu ikun mibni qabel u ghalhekk l-applikazzjoni waqghet minnufih.

Il-kwistjoni kollha ta' dan il-kaz iddur fuq il-fatt jekk l-attur ghamilx ix-xoghol tieghu sew, jekk qrax x'kien mehtieg biex il-konvenut ikun eligibbli ghal grant jew inkella kien il-konvenut li hbielu jew ma qallux dettalji importanti. L-attur jghid illi l-konvenut ma qallux mentri l-konvenut jghid illi dak li mistoqsi irrisponda ghalih pero l-perit ma tantx dahhlu fil-kwistjoni ghliex bilkemm iltaqa' mieghu u kul meta kien isaqsi lil perit fuq l-applikazzjoni dan kien jghidlu sempliciment 'mexjin'.

Fix-xhieda tal-partijiet it-Tribunal fehem illi l-Perit zgur li ghamel xoghol fuq din l-applikazzjoni u ta' dan ix-xoghol irid jithallas pero l-kwistjoni jekk ix-xoghol inghatax certu importanza u sarx bir-reqqa mehtiega. Mill mod ta' kif tkellmu l-partijiet deher illi l-perit inghatta l-informazzjoni dwar il-garaxx illi kien mibni u xorta kompla bl-applikazzjoni. Dan ma kienx gust fuq il-konvenut ghaliex kompla kabbar il-kont tal-perit attur u l-applikazzjoni twaqqfet mill-ewwel kif kienet destinata taghmel peress illi wiehed mir-rekwiziti kien nieqes, cioe' dak li l-garage irid ikun mibni wara 31 ta' Ottubru, 2008.

L-aktar fatt importanti li kkonvinca illi l-konvenut ghada din l-informazzjoni filwaqt illi l-perit imessu ftakara kienet illi l-ircevuti li l-attur talab lil konvenut fuq spejjes illi kien ghamel fuq il-garage kienu bil-Lira Maltija. Minn dan biss il-Perit kellu jkun mgharraf illi l-bini sar qabel l-2008 meta konna ghadna bil-Lira Maltija.

Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi filwaqt illi l-konvenut irid ihallas ghas-servizz li nghata mill-attur, dan is-servizz ma kellux jittawwal daqshekk u ghalhekk il-kont tal-perit kien ikun inqas.

Il-Perit attur fix-xhieda tieghu spjega illi l-kont li qed jitlob jinqis tnejn fil-mija (2%) li hija t-tariffa tal-Gvern li tammonta ghal tliet mija sebgha u disghin ewro u hamsin centezmu (€397.50) filwaqt illi hemm tlieta fil-mija (3%) tal-grant li jammontaw ghal tmien mija u ghaxar ewro (€810). Maghhom irid izid il-kont u tasdal ghal ammont mitlub. Fil-fehma tat-Tribunal ikun gust illi l-Perit jithallas tnejn fil-mija (2%) tat-tarriffa tal-Gvern pero ma jithallasx it-tlieta fil-mija (3%) tal-grant. Flimkien mat-tnejn fil-mija (2%) ghandu jizdied il-VAT.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jilqa' it-talba attrici limitatament ghas-somma ta' tliet mija sebgha u disghin ewro u hamsin centezmu (€397.50) li flimkien mal-VAT tammonta ghal erba' mija disgha u sittin ewro u hames centezmi (€469.05) u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija disgha u sittin ewro u hames centezmi (€469.05) lill-attur bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jithallsu tnejn minn hamsa (2/5) mill-konvenut u tlieta minn hamsa (3/5) mill-attur.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------